**STQARRIJA BĦALA XHIEDA**

**MOGĦTIJA MILL-PRIM MINISTRU DR LAWRENCE GONZI**

**DWAR MOZZJONI 301.**

**NHAR IL-ERBGĦA, 16 TA' MEJJU 2012.**

Mr Chairman,

Il-mozzjoni li dan il-Kumitat għandu quddiemu hi waħda ta' serjetà enormi. L-implikazzjonijiet tal-akkużi li qegħdin isiru fiha, huma gravi u kieku kienu veri kienu jattakkaw il-qalba tat-tmexxija tal-Gvern li jiena kelli l-privileġġ li mmexxi sa mill-2004. Il-każ huwa aktar u aktar serju għaliex il-mozzjoni hi mibnija fuq stqarrijiet skorretti, analiżi żbaljata tal-fatti, u miżinterpretazzjoni skandaluża ta' diskursata rappurtata minn terza persuna barranija.

Huwa insult fih innifsu li xi ħadd jieħu rapport unilaterali ta' persuna barranija daqs li kieku vanġelu, u minflok li jieħu n-naħa ta' pajjżna, twarrab għal kollox il-verżjoni tal-Gvern Malti, liema verżjoni tiċħad kategorikament dak li qiegħed jintqal fil-mozzjoni u anzi tinsisti li dak li l-Gvern Malti għamel permezz tal-Ministri, ambaxxaturi u uffiċjali tiegħu ma kien xejn ħlief eżerċizzju kostanti biex isir dak li hu fl-aħjar interess ta' pajjiżna.

Sur Chairman, il-membri ta' dan il-Kumitat żgur japprezzaw illi jiena bħala Prim Ministru ma nista' qatt naċċetta li jiġi xi ħadd jakkużani bi tradiment. Għaliex din hi mozzjoni li takkuża lili u miegħi lil Gvern kollu. Takkuża lill-Ministri li ffurmaw parti mill-Kabinett fil-leġiżlatura li għaddiet u speċjalment fis-sena 2004 meta saru l-laqgħat li minnhom twieldet din il-kontroversja kollha. Takkuża lill-uffiċjali kollha li kellhom sehem importanti u vitali biex fl-esperjenza ġdida tas-sħubija, nkunu nistgħu nsarrfu dik l-istess sħubija fl-aħjar interess ta' pajjiżna u tal-poplu tagħna.

Huwa għalhekk li jiena għandi d-dmir li nirribatti dawn l-akkużi inġusti għall-aħħar u nasal biex ngħid li huma fattwalment, etikament u proċeduralment skorretti.

Ser nagħti elenku ta' fatti li huma assolutament kruċjali biex kulħadd jifhem sew il-ġrajjiet li seħħew, id-deċiżjonijiet li ttieħdu u r-raġunijiet ovvji għaliex ittieħdu fiċ-ċirkostanzi li konna qiegħdin niffaċċjaw fl-2004.

Infakkar li dak kien żmien meta konna qiegħdin nieħdu l-ewwel passi tagħna bħala pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea. Kien żmien meta l-atmosfera politika f'pajjiżna, għall-ewwel darba f'numru twil ta' snin, bdiet twarrab il-kontroversja dwar is-sħubija ta' Malta u beda jitfaċċa xaqq ta' dawl ta' konsensus dwar id-deċiżjoni tas-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea.

Kien żmien ukoll meta l-Gvern li jiena mexxejt kien ħabbar id-deċiżjoni li jkun minn fost l-ewwel pajjiżi li jissieħeb fiż-Żona tal-Ewro u dan bil-ħsieb li nakkwistaw kompetittività akbar, inneħħu l-inċertezza tal-kambju, u neliminaw spejjes żejda li kienu qiegħdin jiffaċċjaw in-negozjanti u l-investituri Maltin u barranin.

F'dan kollu l-interessi nazzjonali kienu dejjem priorità assoluta li f'ebda ħin u f'ebda mument ma setgħu jitwarrbu mill-qofol ta' kull deċiżjoni li konna qiegħdin nieħdu speċjalment f'dawk iż-żminijiet.

Huwa f'dan il-kuntest li wieħed irid jeżamina l-akkużi li qiegħdin isiru fil-mozzjoni li ġiet preżentata mill-Onorevoli George Vella. X'inhuma dawn l-akkużi? Fi ftit kliem, l-akkużi jistgħu jitqiegħdu taħt tlett kategoriji li lkoll ifissru tradiment tal-interessi nazzjonali:

Dawn huma, u nikkwota,

(1) li l-Gvern Malti permezz tar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea "iddiskuta ma' Gvernijiet barranin metodi kif deċiżjonijiet importanti dwar politika barranija kellhom jittieħdu minn wara dahar il-Parlament Malti mingħajr it-trasparenza mitluba";

(2) li r-Rappreżentant Permanenti ta parir lil Gvern Malti biex jimxi b'dan il-mod u saħansitra "b'mod attiv fittex sistema biex ma jkunx hemm *accountability* Parlamentari għal dawn id-deċiżjonijiet"; u

(3) konsegwentement b'dan l-aġir, il-Gvern Malti u r-Rappreżentant Permanenti ħarsu "aktar l-interessi ta' pajjiżi oħra milli dak ta' pajjiżna".

Mela, skont l-Oppożizzjoni għandna Gvern li permezz tar-Rappreżentant Permanenti tiegħu fl-Unjoni Ewropea, ifittex aktar x'jaqbillu pajjiż ieħor milli x'jaqbillu pajjiżna; li ddiskuta ma' Gvernijiet barranin kif jittieħdu deċiżjonijiet importanti bil-moħbi tal-Parlament Malti u li l-Gvern kellu parir mingħand ir-Rappreżentant Permanenti tiegħu dwar kif jaħbi lill-Parlament. Diffiċli jkollok akkużi aktar serji minn dawn.

Irrid niddikjara bl-aktar mod kategoriku u assolut illi dawn l-akkużi huma kollha foloz. Ġew miċħuda mill-bidunett. U nistenna li skont il-prassi u l-etika politika f'pajjiżna, dikjarazzjoni bħal din mill-Gvern tal-ġurnata tiġi emnuta a skapitu ta' xi biċċa kumment miktub f'biċċa dokument, pubblikat minn *Wikileaks*, minn xi uffiċjali ta' gvern barrani li żgur kien qiegħed ifittex l-interessi tal-gvern tiegħu u mhux dak ta' pajjiżna.

Imma jekk il-livell politiku f'pajjiżna issa niżel saħansitra f'dan il-qiegħ, allura ser ikolli nagħmel iżjed minn hekk u nressaq quddiem dan il-Kumitat il-provi u x-xhieda kollha li huma neċessarji ħalli l-Gvern Malti jiġi emnut minflok l-interpretazzjoni żbaljata u skoretta tal-Oppożizzjoni fil-Mozzjoni tagħha.

Qabel ma ngħaddi għal dawn il-fatti, però, hu assolutament kruċjali li dan il-Kumitat, u aktar u aktar il-poplu li qiegħed isegwi u li jrid jiġġudikana, nifhmu sew l-għerq tal-kwistjoni. Fi kliem ieħor minn fejn tfaċċaw dawn l-akkużi tal-Oppożizzjoni?

Tfaċċaw minn wieħed minn eluf ta' dokumenti pubblikati minn *Wikileaks*, datat 10 ta' Novembru 2004, u li allegatament ġie mibgħut mill-Ambaxxata Amerikana fi Brussell. Qiegħed inpoġġi kopja ta' dan id-dokument fuq il-mejda tal-Kumitat biex jitressaq quddiem il-Kamra (Dokument 1). Għall-informazzjoni tal-Kumitat dan id-dokument ġie pubblikat kważi disa' xhur ilu u huwa ftit stramb kif akkużi serji bħal dawn tħallew għal xhur sħaħ fuq xkaffa u issa tfaċċaw formulati kif inhuma f'din il-mozzjoni.

Hu importanti wkoll li niġbed l-attenzjoni ta' dan il-Kumitat, u tal-pubbliku li qiegħed isegwina, illi dan id-dokument jirreferi għal laqgħat li saru kmieni fl-2004. Dan il-punt irid jiġi enfasizzat għaliex il-mozzjoni li għandna quddiemna tipprova tħallat avvenimenti li seħħew fl-2004, ma avvenimenti oħra li seħħew fil-leġiżlatura l-ġdida tal-2008. Hu ovvju għal min irid ikun ġust mal-kontenut tal-*cable* tal-*Wikileaks* illi d-diskors irid jiġi analizzat fil-kuntest tar-realtajiet politiċi li kienu jeżisti fl-2004 u mhux f'xi perijodu ieħor.

Xi tgħid din il-*cable*?

Naħseb li l-aktar paragrafu importanti huwa l-ewwel wieħed – dak li hu deskritt bħala "summary". Dan jgħid hekk :

> *"Malta's Ambassador to the EU will propose to Valletta that Malta should declare its PfP agreements from 1994 remain in force, although the country has withdrawn from active participation. Under this approach Malta would make the argument that they satisfy the requirements for participation in EU-NATO strategic discussions".*

Ippermettuli nenfasizza il-kliem *"requirements for participation in EU-NATO strategic discussions"*. Hawnhekk jinstab il-qofol tal-argument tal-Gvern li jikxef il-qerq tal-akkużi kontenuti f'din il-mozzjoni għaliex hija din id-dikjarazzjoni stess li toħroġ fil-beraħ x'kienet id-diffikultà tal-Gvern Malti u x'konna qiegħdin nippruvaw nagħmlu fl-interess veru ta' pajjiżna.

Kif ser jiġi pruvat mhux biss minn din id-dikjarazzjoni tiegħi, iżda wkoll mix-xhieda li ser jitressqu quddiem dan il-Kumitat, mill-bidu nett tal-parteċipazzjoni tagħna fl-istrutturi tal-Unjoni Ewropea fl-2003 sibna diffikultà li għalina kienet ta' importanza strateġika. Ladarba Malta ma kelliex ftehim dwar Sigurezza ta' Dokumenti man-NATO, allura aħna ma stajniex nirċevu dokumenti tan-NATO ċirkolati lill-Unoni Ewropea jew anke dokumenti tal-Unjoni Ewropea li kellhom informazzjoni tan-NATO u l-anqas ma stajna nkunu preżenti għal-laqgħat tal-Unjoni Ewropea meta jkunu qiegħdin jiġu diskussi suġġetti relatati man-NATO.

Żgur dan il-Kumitat tal-Affarjiet Barranin u Ewropej – aktar minn kull Kumitat ieħor ta' dan il-Parlament – japprezza l-importanza straordinarja li aħna, r-rappreżentanti tagħna u l-uffiċjali tagħna jkunu mhux biss preżenti, imma parteċipanti sħaħ u possibilment protagonisti fi kwistjonijiet ta' sigurezza, speċjalment jekk dawk il-kwistjonijiet ikunu jolqtu is-sigurezza fil-Mediterran, il-Lvant Nofsani, jew dawk l-aspetti li huma strateġiċi għalina. U allura żgur dan il-Kumitat jifhem mill-ewwel il-preokkupazzjoni tal-Gvern Malti b'din is-sitwazzjoni u d-determinazzjoni tagħna li nagħmlu ħilitna kollha ħalli nsibu soluzzjoni prattikabbli u vijabbli mhux biss għalina imma li kellha tkun aċċettabbli wkoll għall-Unjoni Ewropea u għan-NATO.

Dan apparti d-dwejjaq ta' sitwazzjoni li żviluppat diversi drabi meta ir-rappreżentanti ta' pajjiżna kienu ġew mitluba joħorġu mill-Kamra fejn kienet qiegħda ssir il-laqgħa għaliex aħna ma kellniex dan il-ftehim ta' Sigurezza tad-Dokumenti bħal ma kellhom il-pajjiżi l-oħrajn kollha li kienu membri tan-NATO jew membri tal-*Partnership for Peace*.

Kif kulħadd jista' japprezza l-problema li nqalgħet kienet proprju ġejja minn dan il-fatt: Malta u Ċipru kienu l-uniċi żewġ pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea fl-2004 li ma kienux la membri tan-NATO u l-anqas tal-*Partnership for Peace*. U kien proprju għalhekk li mill-bidu nett sibna ma wiċċna sitwazzjoni ta' żvantaġġ nazzjonali b'għażliet quddiemna li ma kienux faċli.

Mela b'mod forsi sempliċistiku nista' nispjega li fl-2004 – proprju fil-bidu tar-realtà tagħna bħala membri tal-Unjoni Ewropea, sibna ruħna fiċ-ċentru tal-attività Ewropea kollha kemm hi ħlief f'settur wieħed – dak li kien jitratta s-sigurtà tal-Ewropa u ta' pajjiżna.

Kien proprju għalhekk li l-Gvern Malti beda ħidma diplomatika qawwija biex nirrisolvu dan l-impasse malajr kemm jista' jkun. Kien għalhekk ukoll li ħarġet direttiva approvata mill-Kabinett tal-Ministri biex nippruvaw nsibu soluzzjoni.

Imma sa mill-bidu nett tal-ħidma diplomatika tagħna l-ewwel reazzjoni u tweġiba li ngħatat lilna kienet fis-sens li biex insolvu dan l-impasse, il-Gvern Malti kellu jerġa' jiddikjara li qiegħed jissieħeb fil-*Partnership for Peace*.

Issa din it-tweġiba ma kinetx aċċettabbli għal Gvern Malti għaliex kif kulħadd jaf sa mill-bidu nett tal-leġiżlatura tal-2004 id-deċiżjoni tiegħi kienet illi Malta ma tissieħibx fil-*Partnership for Peace* f'dik il-leġiżlatura. Ir-raġunijiet tiegħi kienu ovvji: jiena ridt li l-konsensus li kien twieled f'dik il-leġiżlatura dwar l-Unjoni Ewropea ma jiġix interrott b'kwistjoni li dak in-nhar kienet ta' kontroversja anke jekk illum dik il-kontroversja ukoll spiċċat għaliex illum għandna qbil bejn iż-żewġ naħat dwar il-parteċipazzjoni ta' Malta fil-*Partnership for Peace*.

Mela, fl-2004 kellna din l-istampa: il-Gvern Malti fi żvantaġġ ma pajjiżi oħra għaliex ma konniex membri tal-*Partnership for Peace* u ma ridniex insiru membri tal-*Partnership for Peace* f'dik il-legiżlatura.

Dan hu r-retroxena li fih saret il-laqgħa li dwarha inkitbet il-*cable* li diġa poġġejt fuq il-mejda ta' dan il-Kumitat. Diġa ikkwotajt il-parti relevanti tal-*cable*. Inżid però li jingħad dan ukoll:

> *"In the course of an introductory meeting with Major Martin Xuereb, Maltese Attaché to the EU for Military and Foreign Policy Affairs, USEU polmiloffs discussed the current Cyprus/Malta blockage in EU-NATO cooperation"*

Dan il-paragrafu għal darb'oħra jikkonferma l-impass li kien jeżisti u l-bżonn li tinstab soluzzjoni għal ġid nazzjonali tagħna.

F'parti oħra tal-istess *cable* hemm miktub hekk :

> *Given the current stalemate over the NATO security agreement and political challenges of Malta re-joining PfP, the question arose whether Malta had withdrawn completely from PfP in 1996, or simply ended its active participation and its Individual Partner Program (IPP)".*

U jkompli jgħid :

> *"In seeking a way forward it was suggested that if Malta had simply ceased active participation in PfP – but had not formally withdrawn from the agreements - it might be possible for Malta to reaffirm that their prior PfP agreements remained in force."*

Il-Kumitat hu mitlub jinnota minn dan kollu illi

(a) din kienet laqgħa mal-Maġġur Martin Xuereb (illum Brigadier imma dakinhar Attaché) liema laqgħa kienet QABEL il-laqgħa mal-Ambaxxatur Richard Cachia Caruana.

(b) Hu ovvju li s-suġġerimenti kollha għal xi forma ta' soluzzjoni ġew minn dan l-uffiċjal Amerikan li (nassumi) ġenwinament kien qiegħed jipprova jfittex soluzzjoni.

(c) Li dan l-uffiċjal ippropona soluzzjoni li kienet tirrikonoxxi u tirrispetta d-deċiżjoni tal-Gvern Malti tal-1996 li jirtira mill-*Partnership for Peace*, imma li setgħet tiġi interpretata li l-Ftehim ta' Sigurezza ta' Dokumenti ma kienx ġie imħassar.

Huwa għalhekk inkonċepibbli kif l-Oppożizzjoni tibni l-argumenti tagħha f'din il-mozzjoni fuq frażijiet li intqalu fl-asssenza tal-Ambaxxatur Cachia Caruana u li ovvjament ħarġu minn fomm l-uffiċjal Amerikan.

Huwa mhux biss inkonċepibbli imma saħansitra skandaluż li diskors ta' ħaddieħor jitqiegħed f'fomm l-Ambaxxatur Cachia Caruana b'mod żleali u skorrett u fuq din l-iż-żleata tinbena akkuża ta' tradiment.

Huwa ċar ukoll li l-Gvern Malti aċċetta li jesplora is-suġġeriment tal-uffiċjal Amerikan biex wieħed isib soluzzjoni u fl-istess ħin jimxi skont id-deċiżjoni politika tal-Gvern Malti li f'dak l-istadju ma jissieħibx fil-*Partnership for Peace*. Kien għalhekk li fil-paragrafu 5 jingħad li din l-inizjattiva diplomatika da parti tal Gvern Malti setgħet tirrisolvi l-impass li kien inħoloq u hawnhekk jissemma l-kumplikazzjoni li konna spiċċajna fiha proprju minħabba l-fatt li t-Turkija kienet bilfors ser tieħu pożizzjoni dwar Malta fid-dawl tal-pożizzjoni tagħha dwar Ċipru.

Għalhekk intenni li :

1. Il-kwestjoni kollha kienet mibnija madwar il-fatt li pajjiżna kien qed jitħalla barra minn diskussjonijiet strateġiċi u importanti fuq is-sigurtà minħabba

n-nuqqas tas-*Security of Documents Agreement* man-NATO fl-isfond tad-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen. Il-Gvern Malti qies li l-interess ta' pajjiżna jitlob li din is-sitwazzjoni tiġi rettifikata.

2. L-issue fl-2004 u l-materja tal-*cable* kienu t-tentattivi, fuq struzzjonijiet tiegħi, għal żblokk ta' din is-sitwazzjoni li kienet qed taħdem kontra l-interess nazzjonali.

3. F'ebda ħin f'dak l-istadju mal-Gvern – la direttament u l-anqas permezz tar-Rappreżentant Permanenti - ma ried jew xtaq jew talab jew ikkunsidra ir-riattivazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-*Partnership for Peace*; anzi din ir-riattivazzjoni kienet espliċitament u ripetutament rifjutata; u

4. Ir-Rappreżentant Permanenti għall-Unjoni Ewropea ħadem, skont l-istruzzjonijiet tal-Gvern, lejn soluzzjoni fl-aħjar interess tal-pajjiż.

Mr Chairman,

Kif diġa' stqarrejt, il-fatti u d-dokumenti wassluni għal konklużjoni ċara u sempliċi: l-akkuża tal-Oppożizzjoni hija akkuża falza għal kollox. Anzi, il-fatti u d-dokumenti kollha jikkonfermaw li r-Rappreżentant Permanenti ħadem dejjem skont l-istruzzjonijiet tal-Gvern, inkluż li matul il-leġislatura l-oħra warrab bl-aktar mod espress kull proposta li Malta tirriattiva il-parteċipazzjoni tagħha fil-programm tal-*Partnership for Peace*.

Inżid ngħid li din il-*cable* hija dokument, mhux konfermat mill-awtur tiegħu u, li anke jekk huwa veru dokument Amerikan, dan jirrappreżenta il-punto di vista ta' naħa waħda biss (cioè in-naħa Amerikana). Din il-*cable* qed tgħid biss dak li fehem ħaddieħor. Naħseb li l-għaqal jiddetta li wieħed jistaqsi għal verżjoni tal-parti li għaliha tkun qed issir referenza qabel ikun dikjarat ħati ta' tradiment u mhux joqgħod fuq dak li f'termini legali jitqies bħala *hearsay* (*detto del detto*).

It-traġedja ta' din il-mozzjoni hija li l-Parlament Malti qed jiġi mitlub biex jiddikjara li uffiċjal pubbliku ħadem fl-interessi ta' pajjiżi barranin meta il-verità hi li dan l-

istess uffiċjal pubblika segwa l-istruzzjonijiet ċari u espressi tal-Gvern u meta dawn l-interessi kienu espressament interessi ta' pajjiżna u ta' ħadd iżjed.

Hemm ukoll konsiderazzjoni oħra li bilfors trid issir. Ma kienx ikun aktar ġust, aktar raġjonevoli, aktar lejali, aktar etiku li qabel ma jiġi aċċetat dak li hemm miktub minn barrani f'biċċa *cable* tal-*Wikileaks*, wieħed jitlob li jara jekk inżammux notamenti minn naħa tal-Gvern Malti ta' dak li ġie diskuss f'din l-istess laqgħa? U ma kienx ikun aktar ġust, aktar lejali, aktar etiku li qabel ma wieħed jagħmel akkużi ta' tradiment, ikun hemm tqabbil bejn il-verzjonijiet tan-notamenti li nżammu?

Biex dan in-nuqqas serju jigi rimedjat, jiena qiegħed inpoġġi għad-dispożizzjoni ta' dan il-Kumitat u tal-Kamra kopja tan-notamenti li din id-darba huma notamenti Maltin miktuba mill-Maġġur (illum Brigadier) Martin Xuereb b'rapport ta' dak li ntqal fil-laqgħa li kellu fid-8 ta' Novembru mal-uffiċjal Amerikan imsemmi fl-istess dokument (Dokument 2).

Ma naħsibx li għandi għalfejn nikkwota l-kontenut kollu imma niġbed l-attenzjoni għal fatt li s-soluzzjonijiet proposti kollha ġew minn naħa Amerikana: (*"The US representative then referred to a solution that would not include Malta's active participation in PfP activities").* Niġbed l-attenzjoni wkoll li dan l-uffiċjal jiddikjara li l-istess proposti kienu tressqu lil Ċipru *("Mr Brenner informed that this proposal has already been made to Cyprus and it appears that if the latter are given assurance that this would be acceptable to the NAC ie Turkey will not veto, they would be willing to accept the proposal as they feel confident that they would be able "to slip it past their internal opposition").*

L-istess minuti tal-laqgħa imbagħad jirreferu għal laqgħa li saret mal-Ambaxxatur Cachia Caruana li fiha joħroġ ċar il-pożizzjoni Maltija u ċioè li Malta *"had no intention to get involved in the Turkey, Greece, Cyprus triad in the run up to the December decision".*

Imma forsi l-aktar statement kategoriku u importanti joħroġ minn din is-sentenza ta' dawn il-minuti: *"The decision as to the way forward rests with Ministers in Malta but that he was considering recommending a solution based on the existing Malta-NATO*

*document security agreement. Mr Brenner said that this could be a solution that would solve Malta's problem and would also help put pressure on Turkey to compromise on Cyprus. He also said that it would be wonderful were we to solve our problem prior to 17 December 2004".*

Huwa ċar daqs il-kristall li dawn il-minuti – din id-darba minn naħa tal-uffiċjali Maltin – jikkonfermaw li ma hemm ebda verità fl-ebda waħda mill-akkużi fil-mozzjoni dan il-Kumitat li għandu quddiemu.

Ngħaddi issa sabiex nispjega ftit aktar fatti fid-dettal

1. il-isfond tal-materja;
2. il-politka u l-ħidma tal-Gvern matul il-leġislatura l-oħra, inkluż li din kienet teskludi r-riattivazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-PfP.

Il-punt tat-tluq biex wieħed jifhem x'ġara u dak li qed nitkellmu dwaru llejla huwa it-titolu tal-*cable* innifsu u nikwota, *"Maltese seeking its way out of NATO-EU blockage."* X'kien dan in-*"NATO-EU blockage"*?

Paragrafu 3 ta' Annex 2 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Copenhagen (Diċembru 2002 u allura qabel ma' Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea) igħid:

> *"The fact that, as things stand at present, Cyprus and Malta will not take part in EU military operations conducted using NATO assets once they have become members of the EU will not, within the limits of the EU Security Regulations, affect the right of their representatives to participate and vote in EU institutions and bodies, including COPS, with regard to decisions which do not concern the implementation of such operations." Inqiegħed quddiem dan il-Kumitat kopja ta' din id-Dikjarazzjoni."* (Dokument 3)

Bejn l-iffirmar tat-Trattat ta' Adezjoni mal-Unjoni Ewropea fis-16 ta' April 2003 u s-sħubija fl-1 ta' Mejju 2004, pajjiżna beda jipparteċipa bħala osservatur fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. F'dak iż-żmien, u allura qabel mas-Sur Cachia Caruana inħatar bħala Rappreżentant Permanent (Marzu 2004), il-Gvern Malti kien diġa' beda jaħdem biex jindirizza is-sitwazzjoni li nħolqot minħabba dan il-paragrafu

u allura Malta kienet qed titħalla barra minn numru ta' laqgħat fejn kienu jiġu diskussi materji li jolqtuna.

Proprju għal din ir-raġuni huwa neċessarju li dan il-Kumitat jisma' x-xhieda tal-Brigadier Martin Xuereb biex jixhed dwar laqgħat li kellu f'dan ir-rigward, inkluż laqgħat fil-15 ta' Diċembru 2003 u fl-24 ta' Frar 2004. Il-minuti ta' dawn il-laqgħat huma Annessi C u D ta' Dokument 4 li se nippreżenta aktar 'il quddiem. Minn din ix-xhieda għandu jirriżulta lil dan il-Kumitat li matul dawn il-laqgħat, il-pożizzjoni Maltija kienet kostantament teskludi ir-riattivazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-*Partnership for Peace* Programme fil-leġiżlatura 2004-2008.

Dan kien qed jiżviluppa f'kuntest meta kien qed isir sforz biex titfassal din il-politika u biex l-Unjoni tkun tista' tieħu rwol aktar attiv u independenti biex tissalvagwardja is-sigurtà tagħha u tal-ġirien tagħha speċjalment wara il-gwerra tal-Balkani. Saħansitra, per eżempju, waqt lagħqa informali tal-Ministri tad-Difiża f'Olanda fil-15-16 ta' Settembru 2004, Dr Tony Abela (dakinhar Segretarju Parlamanetari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru) u l-Ministru tad-difiża Ċiprijott ġew mitluba jħallu il-kamra qabel bdiet id-diskussjoni minkejja il-protesti li konna għamilna. Ix-xhieda tan-Nutar Dr Tony Abela - li serva bħala Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru bejn Marzu 2003 u Marzu 2008 – għandha tikkonferma dan il-fatt importanti.

Ix-xhieda tal-Ambaxxatur Tarcisio Zammit, Aġent Delegat Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea (1 April 2003 sa 22 Marzu 2004); Ambaxxatur ta' Malta għal-Belġju u il-Lussemburgu (Lulju 2003 sal-31 Lulju 2008), u Rappreżentant għal-*Political and Security Committee* (23 Marzu 2004 sal-31 Lulju 2008) ukoll għandha tikkonferma l-fatt li Malta kienet qed titħalla barra minn diskussjonijiet fejn kienet titfassal il-politika Ewropea fuq is-sigurtà u id-difiża u konsegwentement konna qiegħdin niġu miċħuda milli nirċievu informazzjoni maħruġa min-NATO u mogħtija lill-Unjoni Ewropea biex tniedi jew twettaq missjonijiet taħt il-Politika ta' Sigurtà u Difiża Ewropea.

Is-sitwazzjoni wasslet biex fis-6 ta' Settembru 2004 Dr Godwin Grima, Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bagħtli memo dwar is-sitwazzjoni. Nikkwota parti minnu:

> *"In a nutshell, even if the document in question is an EU classified document, if it contains NATO classified information it will not be distributed to Malta and Cyprus. In addition, Malta and Cyprus cannot be present during discussions that refer to NATO classified information. Since membership in May 04, there have been a number of incidents originating from the increasing co-operation between the two organizations and the fact that Malta does not have a security agreement with NATO. A compendium of these incidents is enclosed at enclosure B."*

Din il-memo tikkonkludi billi tirrakkomanda:

> *"It is recommended that once again the US delegation at NATO be approached informally to see if any shift in their position is possible."*

Il-laqgħa bejn ir-Rappreżentant Permanenti u l-uffiċjali Amerikani li dwarha titkellem il-*cable* tal-*Wikileaks* issegwi din ir-rakkomandazzjoni li jien approvajt fl-20 ta' Settembru 2004. Inqiegħed quddiem dan il-Kumitat kopja ta' din il-Memo (Dokument 4[1]). Ix-xhieda ta' Dr Godwin Grima, illum Segretarju Permanenti Ewlieni – għandha tikkonferma dawn il-fatti.

Inqis li dawn il-problemi kienu jmissu il-qofol tal-ħila ta' Malta li tpoġġi madwar mejda bħala membru fuq l-istess livell u bl-istess drittijiet tal-Membri l-oħra u tħares l-interess nazzjonali.

Bħala Prim Ministru jiena minn dejjem sħaqt l-importanza tas-sigurtà nazzjonali u l-importanza li pajjiżna jkun parteċipi fid-diskussjonijiet speċjalment minħabba li Malta hija fruntiera tal-Unjoni Ewropea u minħabba il-pożizzjoni tagħha fir-reġjun. Il-

[1] Id-dokumenti annessi ma' dan il-memo ma tqiegħdux fuq il-Mejda peress li jinkludu pożizzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Madanakollu il-Prim Ministru lest juri dawn id-dokumenti annessi lill-membri tal-Kumitat b'mod kunfidenzjali.

kunflitt fil-Libja is-sena li għaddiet tagħtna raġun u uriet kemm kien kbir l-interess nazzjonali li konna qiegħdin niddefendu fl-2004. Immaġinaw is-sitwazzjoni kieku Malta ma kelliex kontroll fuq l-ispazju tal-ajru tagħha jew ma kinetx tkun infurmata fuq id-diskussjonijiet bejn in-NATO u l-UE. Iż-żmien għal darb'oħra tana raġun.

Għalhekk sa mill-bidu nett tas-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea bdejna naħdmu għal soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni. Aħna ridna insibu soluzzjoni għal pajjiżna sabiex inkunu nistgħu neżerċitaw id-drittijiet sħaħ tagħna bħala membru fl-Unjoni Ewropea u ma nkunux diskriminati jew żvantaġġjati fi kwistjonijiet strateġiċi tant importanti għal pajjiżna.

Diġa iddikjarajt aktar minn darba li l-politika tal-Gvern immexxi minni fl-2004 kienet li Malta ma tirrattivax il-parteċipazzjoni tagħha fil-programm tal-*Partnership for Peace*. Il-politika u il-pożizzjoni tal-Gvern kienet waħda meħuda fuq livell ta' Kabinett. Fil-fatt, matul is-seduta parlamentari 176 fil-25 ta' Ottubru 2004, bit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 7558 mill-Onor Leo Brincat, il-Ministru tal-Affarjiet Barranin ta' dak iż-żmien Michael Frendo ikkonferma li l-Gvern ma kienx se jerġa jdaħħal lil Malta fil-*Partnership for Peace*. Inpoġġi kopja tal-mistoqsija u tweġiba quddiem dan il-Kumitat (Dokument 5).

L-uffiċjali li ser insemmi jistgħu jixhdu dwar il-pożizzjoni uffiċajli tal-Gvern Malti bejn l-2004 u l-2008 anke għaliex kienu preżenti waqt laqgħat fejn il-pożizzjoni tal-Gvern kienet espressa:

- L-Onorevoli Michael Frendo, li kien wieġeb għal mistoqsija parlamentari numru 7558 mill-Onor. Leo Brincat fil-25 ta' Ottubru 2004;
- L-Ambaxxatur Tarcisio Zammit
- Is-Sur Joe Caruana, Direttur (Difiża) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru bejn Mejju 2003 u Ottubru 2006;
- Is-Sinjura Vanessa Frazier, Direttur (Difiża) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru bejn Ottubru 2006 u Marzu 2012.

Nixtieq inżid informazzjoni oħra rilevanti.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni li kienet qed tiżviluppa, fil-15 ta' Novembru 2004 il-Kabinett iddiskuta memo li ressaqt u li kien intitolat *Normalisation of Malta's position vis-à-vis present and future EU-NATO relations* (Dokument 6). Il-Kabinett iddiskuta s-sitwazzjoni u qabel li jesplora il-possibiltà li s-*Security Agreement* (*security of documents*) li Malta ffirmat fil-11 ta' April 1996 kien għadu fis-seħħ. Nikkowota minn dan il-Memorandum:

> *"In the course of our examination of the various options that might be available to us it has become clear that a case can be made to consider a number of the agreements signed with NATO during 1996 as still being in force. When Malta joined the PfP the following documents/agreements were signed or subscribed to:*
>
> - *Partnership for Peace Framework Document: subscribed to on 26 April 1995*
> - *Code of Conduct: signed on 2 April 1996*
> - *Security Agreement: signed on 11 April 1996*
> - *Individual Partnership programme: signed on 26 April 1996*
>
> *The documents on record would appear to support the interpretation that the Security Agreement is still in force since the Note Verbale from the Ministry of Foreign Affairs dated 29 October 1996 appears to denounce only the Individual Partnership Programme: 'Maltese participation in the Partnership for Peace Programme is herewith being terminated'.*
>
> *In view of the above, my recommendation is that an attempt be made to request that the relevant provisions of the Council Declaration of 12 December 2002 would not apply to Malta since a Security Agreement with NATO is actually in place. Obviously this does not alter the fact that Malta is not part of the Partnership for Peace Programme. It means, however, that Malta considers itself still bound by the terms of the Security Agreement signed on 11 April 1996. Therefore, to all intents and purposes the relationship will continue to be the one determined by the Maltese Government in October 1996."*

Nagħmel parenteżi. Din hija eżattament il-possibiltà li tkellem dwarha ir-Rappreżentant Permanenti fil-laqgħa li l-*cable* tal-*Wikileaks* jagħmel referenza għaliha. Nitlob lill-Kumitat jinnota li ma hemm l-ebda referenza għar-riattivazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' Malta fil-*Partnership for Peace*. Anzi, b'mod espress jingħad: *"this does not alter the fact that Malta is not part of the Partnership for Peace Programme."*

> *"This recommendation has to be viewed within the context of: informal discussions between NATO member states and Cyprus to consider a PfP-related solution which would then leave Malta isolated; the finalisation of discussions between Turkey and the EU Presidency on a Turkey-EU security agreement which, if agreed to by Malta, would put a non-Member State in a better position than Malta and Cyprus vis-à-vis EU classified documents; and the impending EU discussions on whether to open accession negotiations with Turkey during which it is not in our interests to be caught up in the wider Turkey-Cyprus-Greece complications.*
>
> *In this manner, Malta will be allowed to participate fully in all CFSP/ESDP discussions on the same lines and to the same extent as the other neutral/non aligned Members of the Union, namely Austria, Finland, Sweden and Ireland."*

Nixtieq nirrimarka li l-Avukat Ġenerali kien qabel mal-veduti espressi u li dan kien ġie minuted f'din il-laqgħa tal-Kabinett.

Il-Kabinett approva l-inizjattiva diplomatika li proponejt u r-Rappeżentant Permanenti segwa din id-direzzjoni.

Eventwalment din l-inizjattiva ma kelliex is-suċċess mixtieq u fuq direzzjoni tal-Gvern ġew esplorati il-possibiltajiet ta' bidla fin-NATO-EU Security Agreement u li Malta tidħol f'*Security of Documents Agreement* ad hoc man-NATO. Dan kollu mingħajr ma Malta tirrattiva il-parteċipazzjoni tagħha fil-*Partnership for Peace* Programme.

Il-proċess li tinstab soluzzjoni għal pajjiżna kien jitlob numru ta' laqgħat bejn uffiċjali Maltin u barranin sabiex naraw kemm huma possibbli is-soluzzjonijiet li kellna quddiemna. Is-soluzzjonijiet li kienu qed jiġu mressqa kellhom jiġu maqbula mhux biss mal-istituzzjonijiet bħan-NATO u l-Unjoni Ewropea imma anke mal-Istati Membri individwali.

L-uffiċjali li issa ser insemmi kollha ħadu sehem fil-laqgħat sabiex tinstab soluzzjoni għal Malta - li ma kienetx tinkludi r-riattivazzjoni tas-sehem ta' Malta fil-programm tal-*Partnership for Peace* – u għalhekk ix-xhieda tagħhom tista' tikkonferma l-korrettezza ta' dak kollu li għandi kif iddikjarajt :

- Il-Brigadier Martin Xuereb, Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u dak iż-żmien *Common and Foreign Security Policy Attaché* fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti għall-Unjoni Ewropea ta' Malta u Rappreżentant Militari ta' Malta fil-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea;
- Dr Deborah Mangion, dak iż-żmien *Legal Officer* fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti għall-Unjoni Ewropea ta' Malta;
- L-Ambaxxatur Anthony H Gioia li serva bħala Ambaxxatur għall-Istati Uniti ġewwa Malta bejn Awissu 2001 u Diċembru 2004;
- L-Ambaxxatriċi Molly Bordanaro, li serviet bħala Ambaxxatriċi għall-Istati Uniti ġewwa Malta bejn Diċembru 2005 u Frar 2009;
- Is-Sur Mark R Brunner, *Defence Policy Advisor* fil-Missjoni tal-Istati Uniti għall-Unjoni Ewropea bejn Marzu 2004 u Ottubru 2005;
- Is-Sur Jeremy R Brenner, *Advisor Politico-Military Affairs* fil-Missjoni tal-Istati Uniti għall-Unjoni Ewropea bejn Awwissu 2004 sa Mejju 2008;
- Is-Sur Robert Simmons, Deputat Assistent Segretarju Ġenerali tan-NATO bejn Settembru 2003 u Diċembru 2010;
- Is-Sur Jean Claude Piris, *Director General of the Council Legal Service*, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- Is-Sur Ricardo Gosalbo Bono, *Director for External Relations, Legal Service,* Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- Is-Sur Pierre de Boissieu, Deputat Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bejn Settembru 2003 u Diċembru 2010;

Matul dan il-proċess ta' laqgħat f'livelli differenti, jien ukoll kelli numru ta' laqgħat sabiex tinstab is-soluzzjoni għal din il-kwistjoni li pajjiżna kien qiegħed fiha. Bħala Prim Ministru, bejn Marzu 2004 u Marzu 2008 jiena kelli dawn il-laqgħat fejn issemmiet il-problema ta' Malta u n-NATO:

- Il-Prim Ministru tal-Lussemburgu Jean Claude Junker li ltqajt miegħu fil-31 ta'Mejju 2005 u li nitlob lil dan il-Kumitat biex isejjaħ bħala xhud,
- Javier Solana ltaqjt miegħu fil-27 ta' Ottubru 2005 li nitlob lil dan il-Kumitat biex isejjaħ bħala xhieda,

Saru għadd ta' laqgħat dwar dawn it-tliet possibilitajiet ta' soluzzjoni li konna qed naħdmu fuqhom bejn l-2003 u l-2007. Nixtieq nagħmilha ċara li dan il-proċess kollu kien *soundings* jiġifieri konna qed nesploraw jekk li kieku nagħmlu proposta formali fis-sens ta' xi waħda minn dawn it-tliet possibilitajiet, din tiġix milqugħa min naħat kollha. Peress li l-ebda possibilità ta' soluzzjoni ma sabet l-appoġġ meħtieġ sabiex insolvu il-problema tal-Copenhagen Decalaration, ma ġiet preżentata l-ebda proposta b'mod formali. Barra minn hekk, il-Gvern Malti rrifjuta kull proposta ta' soluzzjoni li kienet tinkludi riattivazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-*Partnership for Peace*.

Dan in-nuqqas ta' żvilupp kien qed ikun ta' dannu għal pajjiżna. Wara l-elezzjoni tat-8 ta' Marzu 2008, feġġħet l-opportunità tar-riattivazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' Malta fil-programm *Partnership for Peace* waqt is-Summit tal-Kapijiet tal-Gvern tan-NATO li kien ser isir f'Bucharest fit-3 u 4 ta' April 2008. Kieku il-Gvern m'għamilx dan il-pass dakinhar, kien ikollu jistenna. Peress li diġa konna rajna l-alternattivi kollha u peress li l-Gvern emmen li l-ġid nazzjonali hekk kien jitlob, il-Gvern iddeċieda li nattivaw il-parteċipazzjoni ta' Malta fil-*Partnership for Peace*.

Iż-żmien tana raġun. Mhux biss għax pajjiżna llum parteċipi fil-politika tad-difiża u is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea imma għax il-kriżi tal-Libja, fejn niftakkru ir-rwol importanti li Malta kellha, uriet l-importanza tas-*Security Agreement* man-NATO. Kieku ma kellniex dan l-Agreement, kieku fl-aktar mument delikat għal-pajjiżna Malta kienet tirriskja titlef il-kontrol tal-ispazju tal-ajru tagħha. Wieħed jista' biss jimmaġina il-konsegwenzi kieku ġara dan fuq l-ekonomija tagħna. Iż-żmien għal darb' oħra tana raġun.

Ninnota b'sodisfazzjon li 17-il sena wara, l-Oppożizzjoni Laburista ammettiet li l-*Partnership for Peace* ma tmurx kontra il-Kostituzzjoni ta' Malta u llum jaqblu li hi tajba għall-pajjiż. Inpoġġi quddiem dan il-Kumitat kopja ta' rapport f'ġurnal lokali fejn il-Partit Laburista jispjega din id-deċiżjoni tiegħu (Dokument 7).

Fis-7 ta' Lulju 2008 il-Ministru tal-Affarjiet Barranin informa lil dan il-Kumitat dwar il-programm ta' Malta fil-*Partnership for Peace* u tpoġġew ukoll quddiemu id-dokumenti kollha. Għal dik is-seduta kien hemm preżenti l-Onor. Charlò Bonnici, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Leo Brincat u l-Onor. George Vella. Inpoġġi quddiem dan il-Kumitat kopja ta' dan id-dokument (Dokument 8) kif ukoll il-minuti ta' din il-laqgħa (Dokument 9).

Il-Ministru tal-Affarjiet Barranin reġa' għarraf lil dan il-Kumitat bl-aħħar żviluppi waqt il-laqgħa tal-14 ta' Jannar 2009 li għaliha kienu preżenti l-Onor. Francis Agius, l-Onor. Charlò Bonnici, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Luciano Busuttil u l-Onor. George Vella. Inpoġġi quddiem dan il-Kumitat kopja ta' dawn id-dokumenti kif ukoll il-minuti ta' din il-laqgħa (Dokument 10).

Mr Chairman,

Jidhirli li dan kollu juri biċ-ċar li l-mozzjoni tal-Oppożizzjoni hi mibnija fuq premessi żbaljati.

Hija l-prassi stabbilita f'dan il-Parlament li meta ssir akkuża fuq Membru, din jew tiġi sostanzjata jew inkella jkun hemm l-aċċettazzjoni ta' spjegazzjoni magħmula in buona fede. Jekk, wara li tingħata spjegazzjoni, jinstab li l-akkuża ma kienetx sostanzjata, l-irġulija dejjem wasslet biex l-akkuża inġusta li tkun saret tiġi rtirata.

Id-dokumenti kollha, u x-xhieda li għad iridu jinstemgħu, juru li r-Rappreżentant Permanenti kien qed jaġixxi għall-ġid ta' pajjiżna fuq istruzzjonijiet tiegħi u tal-Gvern, kif diġa' stqarrejt. Imma kif diġa' għidt fil-bidu ta' din l-istqarrija, jiena ma nistax ma inqisx l-akkuża, li għadni kemm ippruvajt li hija falza, inevitabbilment hi wkoll akkuża fuqi. Fiċ-ċirkostanzi nistenna li l-Oppożizzjoni terġa' tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha u dan skont il-prassi parlamentari. Naturlament, biex ma

ninftihemx ħażin, irrid niddikjara bla ebda diffikultà ta' xejn li m'għandi ebda problema li d-dibattitu u l-iskrutinju ta' dan il-Kumitat ikomplu.

Nawgura li dan il-Kumitat jaħdem bis-serenità kollha sabiex toħroġ il-verità. L-interess tal-Gvern kien u jibqa' l-aqwa ġid lill-pajjiżna.